**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 - L-ERBGĦA 15 TA' LULJU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Pubbliku preżenti: | Membri tan-Naxxar Lions Football Club | |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillier Cuomo li tat ir-raġuni tagħha għalfejn ma setgħatx tattendi għal-laqgħa.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Il-Minuti kienu kkunsidrati moqrija u ġew approvati wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

2.3 Arising minn para. 2.3 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat rigward in-*neuturing* ta' *stray cats* li bħalissa qed isir inizzjattiva mill-Gvern u għalhekk ma kinitx parti mill-applikazzjoni għall-iskema relatata.

*2.4* Arising minn para. 2.7 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat li bħalissa l-Kunsill qed f'kuntatt kontinwu ma' Transport Malta (TM) minħabba l-proposta li l-Kunsill għamel dwar tabelli u miżuri fuq il-*caravans*. Il-Kunsill qed jistenna l-konferma minn naħa tagħhom.

*2.5* Arising minn para. 2.9 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku tkellmet mas-Segretarju Privat tal-Ministru ta' TM fejn informa lis-Sindku li minħabba li x-xogħol ma sarx sew, il-ġnien mhux ser ikun lest qabel Settembru 2020. Is-Sindku irreaġixxit għal dan u infurmatu li mhux se taċċetta dan minħabba li l-Kunsill ilu sentejn jitħabat dwar il-problema tal-ġnien. Hi tkelmet mal-avukat u kupjatu fl-imejl li bagħtitlu.

*2.6* Arising minn para. 3.2 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat li fl-10 ta' Lulju attendiet għat-tnedija tal-websajt fir-Reġjun Tramuntana. L-indirizz tal-websajt hu dan li ġej – www.reġjuntramuntana.eu .

*2.7* Arising minn para. 3.8 tal-minuti preċedenti dwar risk assessment tal-bandli – Is-SE tkellem mal-*handymen* u tagħhom direzzjoni biex isir ix-xogħol.

*2.8* Arising minn para. 10.1 tal-minuti preċedenti – Il-Kunsillier Brincat ikomunika mas-Sur Paul Catania minħabba li din taqa' taħt il-Wirt Kulturali. Importanti li ssir appuntament għal-laqgħa mal-familja tal-Markiż Scicluna.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li tixtieq li jkun organizzat Team Building. Hi talbet lis-SE sabiex din tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Finanzi li jmiss.

3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li fl-24 ta' Lulju se ssir attività mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Hi talbet lil Kunsillieri sabiex jikkonfermaw l-attendenza tagħhom.

3.3 Is-Sindku infurmat rigward il-problemi tal-Bring-in-Sites li sfortunatament qed ikun hemm nies fejn qed iħammġu l-akwati bi skart u affarijiet goffi. Hi għamlet kuntatt mal-kuntrattur sabiex din il-problema tissolva. Il-kuntrattur informa lis-Sindku li se jsiru CCTV fi Triq il-Qoton kif ukoll fi Triq Leli Falzon. Is-Sindku se torganizza laqgħa flimkien mal-Kuntrattur u l-LESA biex jiddiskutu fid-dettal l-infurzar. Il-Kunsillier Brincat informa li fil-laqgħat preċedenti ġie mifthiem li l-ħġieġ se jibda jinġabar darbtejn fix-xahar. Is-SE informa li se jibgħat lill-kuntrattur rigward dan.

3.4 Is-Sindku semmiet li l-Kunsill sab propjetà biex tintuża mill-Kunsill. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex din tiġi diskussa aktar fid-dettal fil-laqgħa tal-Finanzi li jmiss.

3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri rigward il-problema tad-dranaġġ fi Triq San Pawl. Bħalissa qegħda f'kuntatt kontinwu mas-CEO tal-Water Services Corporation (WSC). Ġiet infurmata li se jirranġaw is-servizzi tad-dranaġġ minn Triq Luqa Briffa sa Triq G. Sandy's.

3.6 Is-Sindku semmiet dwar il-problema tat-traffiku fi Triq Thackeray. Hi kkomunikat mal-Kunsillier Gatt rigward l-ilmenti mingħand ir-residenti. Il-Kunsillier Gatt ikkomunika mar-residenti wkoll però m'hemmx alternattiva

oħra. Is-Sindku tkellmet ma' TM u ġiet infurmata li t-triq hija wiesgħa biżżejjed biex tiflaħ għat-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet. Il-Kunsill jifhem bil-problemi tar-residenti però il-mod tat-traffiku kif kien għaddej qabel kien wieħed ta' periklu.

3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li ġie ffirmat il-kuntratt tal-*Finishing of Works* tal-Mitħna. Semmiet ukoll li fil-jiem li għaddew sar *scaffolding* sabiex jibda ir-restawr tal-faċċata. Hi infurmat lill-Kunsillieri li l-Ġimgħa 17 ta' Lulju se jiġi ppublikat is-Sejħa tal-Offerti tar-restawr tal-mekkeniżmu tal-Mitħna.

3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li bħalissa l-Perit għaddej bl-aħħar ftit dettalji sabiex jinkludi s-Sejħa tal-Offerti tas-*Civil Works* tal-*outdoor gym* dan minħabba li kien hemm xi tibdil.

3.9 Fis-7 ta' Lulju is-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana u ġie diskuss dan li ġej;

3.9.1 Fil-25 ta' Awwissu il-Ministru Aaron Farrugia flimkien mas-CEO tal-WSC ser jkunu preżenti għal laqgħa sabiex jiddiskutu l-problema tal-Magħtab.

3.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li l-Kunsill jista' japplika għas-siġar miżrugħin fl-art u wara l-Kunsill japplika għal fondi mill-Planning Authority għal ġibjun jew għall-*irrigation.*

3.9.3 Il-*Y-Engage Courses* reġgħu bdew

3.9.4 Għal kull lokalità fir-Reġjun Tramuntana se jsir *Social Impact Assessment*. Dan aktarx se jsir mill-Università.

3.9.5 Il-Kunsillieri se jirċievu korrispondenza mingħand ir-Reġjun rigward Team Building Activity - *Tour on the Footsteps of St Paul.*

3.10 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li l-Kunsill applika għal fondi mill-*Animal Welfare.* Hi rringrazzjat lil Kunsillier Abela u l-amministrazzjoni ta' sehem li taw. Il-Kunsillier Abela attenda għas-sezzjoni informattiva fuq din l-applikazzjoni.

3.11 Is-Sindku rciviet korrispondenza rigward iċ-Ċerimonja tat-Twaqqif tal-kolleġjata. Din se ssir fis-27 ta' Awwissu. Fit-28 ta' Awwissu se ssir quddiesa kolonniċi. Hi infurmat lill-Kunsilliera sabiex iħallu din id-data libera.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI ĦLASIJIET

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approvahom (nem com) wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondata mill-Kunsillier Gatt. Il-lista tal- pagamenti (immarkata "Seduta tal-Laqgħa Nr 8/16") kif anness f'appendiċi A kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'appendiċi B, Ċ u D rispettivament.

**6. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

6.1 Is-SE ressaq ir-rapport mis-sottokumitat Talbiet u Lmenti

6.2 Il-Kunsillier Brincat talab li terġa ssir evelwazzjoni mill-ġdid mis-sottokumitat dwar każ numru 9886. Il-Kunsill qabel.

6.3 Il-Kunsillier Gatt ġibed l-attenzjoni fuq każ numru 9840 li kien hemm żball fl-isem tat-triq li trid tinqara Triq Santa Marija u mhux Triq San Ġwann.

6.4 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela.

**7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI**

7.1 Is-SE ressaq ir-rapport mill-Kumitat tal-Finanzi.

7.2 Il-Kunsill approva (nem com) wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Viċi Sindku.

***Hawnhekk il-Kunsill qabel li tinbidel l-ordni tal-agenda biex jiddiskuti item nr 12 fuq l-aġenda qabel item nr 8. Il-laqgħa tkompliet skont kif muri f'dawn il-minuti.***

**8. TALBA MINN NAXXAR LIONS GĦAS-SIT TAL-LATRINA TAL-BANDLI**

8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li flimkien mas-SE kellha laqgħa mal-President u membru tal-każin fejn għamlu talba għas-sit tal-latrina tal-bandli. Hi infurmat li fi żmien li ġej il-każin se jitlef il-post li fih jinsab bħalissa u għalhekk qed jitolbu sabiex l-*area* tal-lattrina tiġi żvilluppata minnhom sabiex ikunu jistgħu jiġġeneraw il-fondi meħtieġa.

8.2 Kienu is-18:30 fejn dan il-ħin intfew il-mikrofoni biex il-Kunsill jiddiskuti mal-uffiċċjali tal-każin.

8.3 Fis-18:40 il-mikrofoni reġgħu ġew mixghula.

8.4 Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mhux uffiċjali qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex din it-talba tiġi diskussa aktar fid-dettal.

**9. L-ITTRA TA' DIREZZJONI MILL-AWDITURI (MANAGEMENT LETTER)**

9.1 Is-SE ippreżenta r-rapport mill-awdituri u spjega r-rapport fid-dettal anness f'appendiċi E.

9.2 Il-Kunsill approva r-rapport (nem com) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Deguara.

**10. INIZJATTIVA SLOW STREETS**

10.1 Is-Sindku spjegat fid-dettal il-proġett *Slow Streets*. *Slow Streets* huwa network temporanju ta' passaġġi siguri biex jintużaw għal mixi u ċ-ċikliżmu. Dawn il-passaġġi joħolqu rotot li jgħaqdu knejjes, pjazzez u stabillimenti kummerċjali.

10.2 Is-Sindku infurmat lil Kunsillieri li r-Reġjun se joħroġ sejħa tal-offerti għal Perit għal Kunsilli kollha. Il-Kunsill ma qabilx li jingħaqad mar-reġjun fuq is-servizz ta' perizja u minflok lest li jħallas is-somma ta' Eur3000 għas-servizz ta' speċjalista fuq dan il-qasam imqabbda mill-AKL.

10.3 Is-Sindku se tgħaddi d-deċiżżjoni tal-Kunsill lir-Reġjun.

**11. RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA – ATTIVITAJIET ŻGĦAR REGOLARI**

11.1 Il-Kunsillier Gaffiero spjega fid-dettal dwar attivitajiet li se jibdew isiru fil-pjazza. Hu tkellem mal-istabilimenti u ġie deċiż li dawn l-attivitajiet jibdew isiru matul il-ġimgħa kull nhar ta' Erbgħa.

11.2 L-ewwel attività se tkun nhar l-Erbgħa 5 ta' Awwissu.

11.3 Il-Kunsill alloka s-somma ta' €300 għal kull attività.

**12. SERVIZZ TA' TRASPORT GĦALL-ANZJANI U L-P2P**

12.1 Is-Sindku talbet lis-SE biex dan is-suġġett iressqu fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li jmiss.

**13. IL-PROPOSTA GĦALL-INĊINERATUR FIL-MAGĦTAB**

13.1 Is-Sindku infurmat lil Kunsillieri li se jkollha appuntament mal-Ministru u se tiddiskuti dan is-suġġett f'aktar dettal.

**14. IL-ĠNIEN PROPOST GĦAL LABOUR AVENUE**

14.1 Is-SE qara' l-korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand ir-residenti bħala parti mill-konsultazzjoni li saret.

14.2 Ġie mifthiem li l-ADI u l-Perit se jiltaqgħu u jiddiskutu dawn il-kummenti.

14.3 F'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat telaq mill-laqgħa. Il-ħin kien it-20:30.

14.4 Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien maqbul li tiġi inkluża il-proposta li Triq l-Imdina tiġi kollha f'direzzjoni waħda l-isfel.

**15. L-OFFERTI GĦAR-RIKOSTRUZZJONI U INSTALLAZZJONI TAL-MEKKANIŻMU TAL-MITĦNA TAL-GĦAQBA**

15.1 Il-Kunsill qabel li jippubblika s-sejħa għall-offeri għall-mekkaniżmu tal-mitħna fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Abela.

15.2 Kopja tad-dokument kien intbagħat lill-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

**16. PUNTI MILL-KUMITAT TAL-FESTA**

16.1 Din se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**17. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

17.1 Il-Laqgħa ntemmet fid-20:45.

17.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu fis-17:45.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |